APPREZZAMENT

# MARIA ROSARIA PISANI

Fid-9 ta' Diċembru, 2006 morna l-knisja parrokkjali Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, l-Belt, biex nattendu għall-quddiesa u l-funeral ta' Maria Rosaria Pisani li, sakemm mietet, kienet għada fil-kariga ta' President ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor Ms. Pisani kienet l-aħħar traċċa ħajja għall-memorja ta' missiera, Lazzaro Pisani (1854-1932), pittur prolifiku magħruf għall-għadd kbir ta' xogħolijiet f'Malta u Għawdex. Kienet ħerqana taħdem għall-memorja tiegħu u f'dawn l-aħħar snin kienet għadha tistinka biex tiġbor kemm jista' jkun informazzjoni fuq ix-xogħlijiet tiegħu bil-ħsieb li tippubblika monografija fuqu. Kienet dejjem attiva f'diversi għaqdiet kulturali u sirt nafha aktar meta fis-snin sebgħin daħlet fil-kumitat ta' l-Għaqda tagħna li għalih kienet tattendi bil-ħerqa u turi interess fl-attivitajiet kollha sakemm laħqet viċi-president ta' l-istess għaqda u riċentement ukoll president. Maria Rosaria kienet ukoll pjanista u attriċi, imma aktar kellha tokkupa l-ħin torganizza attivitajiet kulturali għad-diversi għaqdiet u tipparteċipa fihom. Fost dawn l-organizzazzjonijiet kellha wkoll l-Istitut Kulturali Malti, kif ukoll dak Taljan, u l-ieħor Ġermaniż. Fost l-attivitajiet li kienet torganizza kien hemm *radioplays*, kunċerti, laqgħat ta' l-arti, letteratura, u qari ta' poeżija. Kienet tikkollabora ma' artisti u awturi u, fost l-oħrajn, qalbet għall-Malti opri, drammi u poeżiji tan-nutar V.M. Pellegrini. Kienet ukoll tiddisinja l-kostumi għall-palk. Iddedikat il-ħajja twila tagħha għall-kultura mingħajr ftaħir u mingħajr ma stenniet ringrazzjamenti. In-nuqqas tagħha jinħass minn min kien jafha mill-qrib, l-aktar fl-ambjent kulturali. Nibqgħu niftakru fiha bi gratitudni.

**Guido Lanfranco**



**Maria R. Pisani**